

## IL-QORTI ĠENERALI

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-20 ta' Lulju 2017 – ADR Center vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-644/14) <sup>(1)</sup>

*("Għajnuna finanzjarja — Programm ġenerali 'Drittijiet fundamentali u ġustizzja' għall-perijodu 2007-2013 — Programm speċifiku 'Għustizzja ċivili' — Rikors għal annullament — Deċiżjonijiet li jagħtu titolu eżekkutiv — Artikolu 299 TFUE — Kompetenza tal-awtur tal-att — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Talba intiża li tordna lill-Kummissjoni il-pagament tal-bilanċ li kien dovut skont il-ftehimiet ta' għotja — Klassifikazzjoni mill-ġdid parżjali tar-rikors — Klawżola ta' arbitraġġ — Ġurisdizzjoni tal-Qorti Ĝeneralni — Spejjeż eliġibbli")*

(2017/C 293/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: ADR Center SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: inizjalment L. Tantalo, sussegwentement A. Guillerme, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Estrada de Solà u L. Cappelletti, sussegwentement J. Estrada de Solà u S. Delaude, aġenti)

#### Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4485 finali, tas-27 ta' Ġunju 2014, dwar l-irkupru ta' parti tal-kontribuzzjoni finanzjarja mhalla l-riktorrenti fl-eżekuzzjoni tat-tliet ftehimiet ta' għotja konklużi fil-kuntest tal-programm speċifiku "Għustizzja ċivili", u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża li tikseb il-kundanna tal-Kummissjoni biex tħallasha l-bilanċ li kien dovut skont tliet ftehimiet ta' għotja ta' ammont ta' EUR 49 172,52 kif ukoll tad-danni,

#### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) ADR Center SpA għandha tħalli l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi l-ispejjeż ta' din l-istituzzjoni relatati mal-proċeduri għal mīzuri provviżorji, u n-nofs tal-ispejjeż tagħha stess, inkluż fir-rigward tal-ispejjeż tagħha relatati mal-proċeduri għal mīzuri provviżorji.
- 3) Il-Kummissjoni għandha tħalli nofs l-ispejjeż sostnuti minn ADR Center, inkluż nofs l-ispejjeż ta' din tal-aħħar relatati mal-proċeduri għal mīzuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 388, 3.11.2014.

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-20 ta' Lulju 2017 – Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-143/15) <sup>(1)</sup>

*("FAEG u FAEŻR — Infiq eskluż mill-finanzjament — Infiq magħmul minn Spanja — Għajnuna diretta dżiżakkoppjata għas-snin tat-talba 2008 u 2009 — Nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll — Determinazzjoni tal-kampjuni ta' kontroll — Oneru tal-prova — Għajnuna għall-iżvilupp rurali fil-komunità awtonoma ta' Castilla y León għas-snin tat-talba 2009 u 2010 — Kontrolli fuq il-post — Kontrolli ewlenin — Proporzjonalità")*

(2017/C 293/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

#### Partijiet

Rikorrenti: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: M. Sampol Pucurull u M. J. García-Valdecasas Dorrego, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Triantafyllou u I. Galindo Martín, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parpjali tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/103, tas-16 ta' Jannar 2015, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ġertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2015, L 16, p. 33).

### Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/103, tas-16 ta' Jannar 2015, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ġertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), hija annullata sa fejn tikkonċerna l-korrezzjoni finanzjarja imposta fuq ir-Renju ta' Spanja wara l-investigazzjoni AA/2009/007/ES għas-sena tat-talba 2009.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 178, 1.6.2015.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-20 ta' Lulju 2017 – Il-Belġju vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-287/16)<sup>(1)</sup>

("FAEG u FAEŻR — Infiq eskluż mill-finanzjament — Infiq imwettaq mill-Belġju — Ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni — Assenza ta' rkupru li tirriżulta minn negliġenzi imputabbli lil organu ta' Stat Membru — Nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ġudizzjarji kollha possibbli — Proporzjonalità")

(2017/C 293/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: inizjalment J.-C. Halleux u M. Jacobs, sussegwentement M. Jacobs, L. Van den Broeck u J. Van Holm, aġenti, assistiti minn É. Grégoire u J. Mariani, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet u P. Ondrušek, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/417, tas-17 ta' Marzu 2016, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ġertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2016, L 75, p. 16), sa fejn din twarrab mill-imsemmi finanzjament fir-rigward tar-Renju tal-Belġju s-somma ta' EUR 9 601 619.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 270, 25.7.2016.